TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

CCT/209/13/S

John u Theresa Borg
Vs
Brittania Services Limited

Illum 12 ta'Dicembru,2013.

It-Tribunal,

Ra t-talba ta' John u Theresa konjugi Borg Manuel Cumbo datata 18 ta'Settembru,2013 u r-risposta tas-socjeta Brittania Services Limited ipprezentata fil-15 t'Ottubru,2013;

Ra d-dokumenti pprezentati, sema' lill-partijiet u t-trattazzjoni maghmula fis-seduta tal-21 ta'Novembru,2013;

Ikkunsidra

Illi fi ftit kliem din il-pendenza tirrigwarda ilmenti dwar 'tour' fejn ir-rikorrenti qed jitolbu l-prezz ta' persuna wahda bhala kumpens minghand is-socjeta intimata;

Illi kif ripetutament inghad minn dan it-Tribunal, min jallega jrid jipprova u dan fuq l-istregwa tal-massima *"incumbit probation ei qui dicat non ei qui negat"* (ara sentenza tal-Qorti tal-Appell Sede Inferjuri fl-ismijiet 'Gemma Cassar Saetta vs Imco Distributors Limited' moghtija fit-13 ta'Jannar,1999);

Illi l-obbligu tal-prova tinkombi dejjem lil min jallega[1] u dan skont l-artikolu 562 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta'Malta;

Illi inoltre dan l-artikolu, hemm ukoll l-artikolu 559 li jistipula li ghandha dejjem issir l-ahjar prova;

Illi mill-provi ma jirrizultax sal-livell mitlub mill-ligi, dak allegat mir-rikorrenti;

Illi harsa lejn il-'brochure' u lejn il-kundizzjonijiet annessi tikkonferma l-limitazzjoni tar-responsabilita tas-socjeta intimata;

Illi r-rikorrenti gjaladarba bbukkjaw it-'tour' in kwistjoni, accettaw dawn il-kundizzjonijiet;

Illi huwa essenzjali li tali kundizzjonijiet jinqraw u jinftehmu qabel tittiehed decizjoni jekk isirx 'booking' jew le;

Illi mill-provi imressqa, ma jirrizultax dak allegat mir-rikorrenti hlief ghall-kwistjoni dwar l-'excursion' li ma ttihditx mir-rikorrenti minhabba t-tul tal-vjagg;

Illi t-Tribunal ihoss li r-rikorrenti ghandhom jigu rimborsati l-ammont ta' €79 prezz ta' din l-eskursjoni;

[1] Ara ukoll sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (151/05SM) fid-19 ta'Jannar,2011 fl-ismijiet "Martin Degabriele vs Melanie Borg"

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq spjegati, wara li ra l-Kap 378 tal-Ligijiet ta'Malta u fic-cirkostanzi tal-kaz, it-Tribunal Jaqta' u Jiddeciedi billi Jichad it-talba ta' John u Theresa konjugi Borg limitatament kif fuq inghad filwaqt li Jilqa' l-eccezzjonijiet tas-socjeta intimata Brittania Services Limited kif kompatibbli ma' dak gja msemmi u Jordna lis-socjeta Brittania Services Limited thallas lil John u Theresa konjugi Borg is-somma ta' €79 prezz tal-eskursjoni li ma marrux ghaliha, b'kull parti thallas l-ispejjez taghha ta' dawn il-proceduri.

Richard Sladden Av.
Arbitru